AVVENT - MILIED



# KANT GĦALL-MATUL IŻ-ŻMIEN TAL-AVVENT U L-MILIED GĦAT-TFAL

**KLIEM: KAREN BORG**
**MUŻIKA: DANIEL BORG**

# Ejjew Ilkoll (Rhythm 6/8)

```
         D             G
Rit:     Ejjew ilkoll ejjew
              D           G
         Kemm ilna nistennew
         D             G
         Ejjew ilkoll ejjew
         Em         A     D
         Kemm ilna nitħejjew

                 D                   G
                X'aħbar tal-għaġeb din
                D                       G
                Fuq tiben f' maxtura ġie
                D                     G
                Twieled fqajjar il-Bambin
                       Em  A    D
                Dan ir-Re  tar- rejiet! RIT

        D         G
Kewkba ħabret l-istennija
         D            G
Misteru kbir imsawwar ġie
       D          G
Ħdejn Ġuzeppi u Marija
            Em      A       D
B'rgħajja u anġli mdawwar kien RIT


                D                     G
                Ġo għar għeri sabu l-wens
                         D          G
                It-tlett Maġi li ġew jarawh
                         D              G
                Miraklu kbir – veru immens
                     Em        A    D
                Bir-rigali ġew jadurawh RIT
```

# MADWARU MIĠBURIN (Rhythm 4/4)

```
         D      Em
Rit:     X'xorti kbira hi din
          A       D
         Twieled Ġesu Bambin
         G          D
         Madwaru miġburin
                  G     A      D
         Kemm aħna magħqudin
                  G     A      D
         Kemm aħna magħqudin
```

```
D          A7     D
Il fuq minn elfejn sena
G       A7      D
Niżel għalina mis-smewwiet
G       A7      D
Bħala tarbija ċkejkna
G     A7          D
Biex jimliena bil-barkiet RIT
```

```
D                 A7     D
F'għar – mhux fil-palazzi
G         A7         D
Imgeżwer fi bċejjeċ fqar
G      A7   D
Xejn ġid u rikkezzi
G             A7      D
Msaħħan b'baqra u bi ħmar RIT
```

```
D       A7          D
Ngħix sħiħ dan il-mument
    G      A7      D
Fi spirtu veru u  nisrani
G       A7              D
Biex insaħħah l-pedament
G           A7   D
Tal-fidi li Ġesu tani RIT
```

# ĠEJ IL-MULEJ (Rhythm 4/4)

**D A**
**Rit: Ersqu kbar, Ersqu żgħar**
**G D**
**Fid-dar tal-Mulej**
**D**
**Ersqu kbar, Ersqu żgħar**
**G D**
**Fid-dar tal-Mulej**
**D**
**Ersqu kbar, Ersqu zgħar**
**G A D**
**Għax hu tassew ġej!**

**D G**
Ilkoll kemm aħna ħerqanin
**A D**
B’iġri jitwieled il-Bambin!
**Em Bm**
Nitħejjew għal dan il-mument
**G A D**
Waqt l-isbaħ ġranet tal-Avvent **RIT**

**D G**
Qalbna trid issir benniena
**A D**
Il-Bambin qed jistenniena
**Em Bm**
Li jitwieled ġewwa fina
**G A D**
B’ferħ u paċi Hu jimliena **RIT**

**D G**
Żmien li nkunu ferħanin
**A D**
Ilkoll kemm aħna magħqudin
**Em Bm**
Il-familja t’Alla flimkien
**G A D**
Ngħixu dan l-isbaħ żmien **RIT**

# Il-ĦABBARA (Rhythm 4/4)

**D G**
**RIT: Kantaw qtajja t'anġli**
**A D**
**Glorja l'Alla fis-smewwiet**
**D G**
**Daqqew ilkoll bit-trombi**
**A D**
**Twieled re fuq ir-rejiet**.

**A D A D**
Gabriel, lil Marija ta l-aħbar
**Em Bm**
Li se tnissel il-Feddej
**G A D**
Jibqa' jissemma fi żmien li ġej **Rit**

**A D A D**
Anġlu fil-ħolm lil Ġużeppi huwa deher
**Em Bm**
Huwa qallu li dan kollu
**G A D**
Mill-Ispirtu, huwa ġej **Rit**

**A D A D**
L-anġli lir-rgħajja, huma ħabbru fis-skiet
**Em Bm**
Twieled ir-Re tar-Rejiet
**G A D**
F'Betlehem huma, kixfu s-sigriet. **Rit**

# IR-RGĦAJJA (Rhythm 6/8)

**C F**
**RIT Aħna r-rgħajja fqar**
**G7 C**
**Ingħatat din l-aħbar**
**F**
**X'xorti tal-għaġeb din**
**G C**
**Ingħatat lill-imwarbin**

**C F**
Ilkoll bil-mod resqin
**G7 C**
Biex naraw il-Bambin
**F**
Dħalna fl-għar bin-ngħag ħdejna
**G C**
U xi waħda fuq spallejna. **Rit**

**C F**
Hu f'maxtura laqagħna
**G7 C**
Bniedem sempliċi bħalna
**F**
Biex inkunu aħna minn tal-ewwel
**G C**
Li l-fidi fina tixxettel. **Rit**

**C F**
Il-kobor ta' dan il-lejl
**G7 C**
M'għandu l-ebda prezz jew kejl
**F**
Għax bħalna sar rgħaj tal-bnedmin
**G C**
Biex iħobb lilna l-midinbin. **Rit**

# L-ANĠLI (Rhythm 4/4)

**C F**
**Rit Araw araw fis-smewwiet**
**G C**
**Qtajjiet t'anġli miġburin**
**F**
**Niżlu niżlu fis-saltniet**
**G C**
**Għax twieled il-Bambin**

**C F**
Min jaqbeż fuq xi sħaba
**G C**
Oħrajn jilagħbu n-noli
**F**
Min jiġri wara xi kewkba
**G C**
Ajma kemm itiru fl-għoli! **Rit**

**C F**
Anġli żgħar bl-enerġija
**G C**
Itiru ma' kullimkien
**F**
Anġli kbar bix-xjuħija
**G C**
Reqdin f'rokna x'imkien **Rit**

**C F**
Anġli xi ftit mistħija
**G C**
Wiċċhom aħmar nirien
**F**
Anġli kollha bi sbuħija
**G C**
Ilbieshom bi ġmiel Fiddien **Rit**

**C F**
Anġli ta kull tip u xorta
**G C**
Lilu ġew jagħtu foħrija
**F**
B'kemm għajnejk ittik il-viżta
**G C**
Imlew is-sema bi qdusija **Rit:**